# SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

8 ta' Diċembru 2011 *

Fil-Kawża T-421/07,

**Deutsche Post AG,** stabbilita f'Bonn (il-Ġermanja), irrappreżentata minn J. Sedemund u T. Lübbig, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea,** irrappreżentata inizjalment minn N. Khan u B. Martenczuk, sussegwentement minn B. Martenczuk u D. Grespan, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

**UPS Europe NV/SA,** stabbilita fi Brussell (il-Belġju),

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

u

**UPS Deutschland Inc. & Co. OHG**, stabbilita f'Neuss (il-Ġermanja),

irrappreżentati minn T. Ottervanger u E. Henny, avukati,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2007 li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja lil Deutsche Post AG [għajnuna C 36/07 (ex NN 25/07)],

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn L. Truchot, President, M. E. Martins Ribeiro u H. Kanninen (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: T. Weiler, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Ġunju 2011,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

1 Fit-8 ta' Ġunju 1989, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja adottat il-Postverfassungsgesetz (Liġi dwar l-organizzazzjoni tal-posta) (BGBl. 1989 I, p. 1026, iktar 'il quddiem il-"PostVerfG"). Skont l-Artikolu 1(2) tal-PostVerfG, l-amministrazzjoni postali Ġermaniża, id-Deutsche Bundespost, ġiet maqsuma fi tliet entitajiet ġuridiċi distinti, jiġifieri d-Deutsche Bundespost Postdienst (iktar 'il quddiem id-"DB-Postdienst"), id-Deutsche Bundespost Telekom (iktar 'il quddiem id-"DB-Telekom") u d-Deutsche Bundespost Postbank (iktar 'il quddiem id-"DB-Postbank"). Skont l-Artikolu 65(2) tal-PostVerfG, dawn l-entitajiet kienu obbligati jżommu s-servizzi li kienet toffri d-Deutsche Bundespost. Kien għalhekk li, filwaqt li d-DB-Telekom issuċċediet lid-Deutsche Bundespost fl-attivitajiet tagħha ta' telekomunikazzjoni, id-DB-Postdienst ħadet f'idejha l-attivitajiet tad-Deutsche Bundespost fis-settur tal-posta, inkluż is-servizz postali universali.

2 Fl-14 ta' Settembru 1994, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja adottat il-Postumwandlungsgesetz (Liġi dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-posta) (BGBl. 1994 I, p. 2339, iktar 'il quddiem il-"PostUmwG"). Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-PostUmwG, it-tliet entitajiet ġuridiċi msemmija iktar 'il fuq ġew mibdula f'kumpanniji b'responsabbiltà limitata, mill-1 ta' Jannar 1995. L-attivitajiet tad-DB-Postdienst

għaddew f'idejn ir-rikorrenti, Deutsche Post AG. L-attivitajiet tad-DB-Telekom u dawk tad-DB-Postbank għaddew, rispettivament, f'idejn Deutsche Telekom AG u Deutsche Postbank AG.

3 Fis-7 ta' Lulju 1994, il-kumpannija ta' distribuzzjoni ta' pakketti, UPS Europe NV/SA (iktar 'il quddiem "UPS Europe"), ippreżentat ilment (iktar 'il quddiem l-"ilment tal-1994") quddiem il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-konfront tad-DB-Postdienst li kien ibbażat kemm fuq l-Artikolu 86 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 82 KE) kif ukoll fuq l-Artikolu 92 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 87 KE). Dan l-ilment kien segwit b'ilment ieħor ippreżentat, fl-1997, mill-assoċjazzjoni ta' prestatarji privati ta' servizzi ta' kurrier u ta' kunsinna espressa ta' posta u ta' pakketti, il-Bundesverband Internationaler Express-und Kurierdienste eV (iktar 'il quddiem il-"BIEK").

4 Essenzjalment, UPS Europe u l-BIEK kienu qegħdin isostnu li d-DB-Postdienst kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi applikat politika ta' bejgħ b'telf fis-settur miftuħ għall-kompetizzjoni tal-kunsinna ta' pakketti bieb bieb, politika li kienet iffinanzjata permezz tad-dħul mill-bejgħ iġġenerat fis-settur tat-trasport tal-posta (jew tal-ittri mibgħuta bil-posta), settur li fih DB-Postdienst kienet tgawdi minn monopolju legali (iktar 'il quddiem is-"settur irriżervat"), jew inkella permezz ta' għajnuna kuntrarja għall-Artikolu 87 KE.

5 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Awwissu 1999, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fit-23 ta' Ottubru 1999 (ĠU C 306, p. 25), il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE fir-rigward ta' diversi miżuri li permezz tagħhom ir-rikorrenti kienet ibbenefikat minn fondi pubbliċi (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999"), u talbitha tagħtiha numru ta' dokumenti u informazzjoni.

6 Fl-20 ta' Marzu 2001, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2001/354/KE dwar proċedura skont l-Artikolu 82 KE (Każ COMP/35.141 — Deutsche Post AG) (ĠU L 125, p. 27). Il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rikorrenti kienet abbużat mill-pożizzjoni

dominanti tagħha fis-settur tal-bejgħ b'korrispondenza billi ssuġġettat, mill-1974 sal-2000, l-għoti ta' tnaqqis minħabba lealtà lill-klijenti tagħha għall-kundizzjoni li dawn jintrabtu li jużaw is-servizzi tagħha fil-rigward tal-kunsinni kollha tagħhom jew tal-parti kbira minnhom u billi pprattikat, mill-1990 sal-1995, politika ta' bejgħ b'telf.

7 Fid-19 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2002/753/KE dwar miżuri meħuda mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur ir-rikorrenti (ĠU L 247, p. 27, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-2002").

8 Id-deċiżjoni tal-2002 kienet tinkludi, essenzjalment, raġunament maqsum f'erba' stadji.

9 Fl-ewwel stadju, il-Kummissjoni bdiet billi fakkret li, fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, hija kienet qajmet l-ipoteżi li l-ħlasijiet riċevuti mid-DB-Postdienst u, sussegwentement, mir-rikorrenti bħala kumpens għall-funzjoni tagħhom ta' servizz ta' importanza ekonomika ġenerali (iktar 'il quddiem is-"SIEĠ") kienu ogħla mill-ispejjeż addizzjonali netti dovuti għal din il-funzjoni, filwaqt li kienet ħabbret li kienet ser teżamina ħames miżuri li setgħu jitqiesu li kienu miżuri ta' għajnuna. Fost dawn il-miżuri kien hemm, l-ewwel nett, garanziji mogħtija mill-Istat li permezz tagħhom ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlitha ta' garanti għad-djun li daħlet fih id-Deutsche Bundespost qabel it-trasformazzjoni tagħha fi tliet kumpanniji b'responsabbiltà limitata (iktar 'il quddiem il-"garanziji pubbliċi"), it-tieni nett, l-eżistenza ta' finanzjament pubbliku tal-pensjonijiet tal-impjegati tad-DB-Postdienst u tar-rikorrenti u, it-tielet nett, eventwali għajnuna finanzjarja mill-Istat favur ir-rikorrenti (premessi 2, 4, 5 u 7 tad-deċiżjoni tal-2002).

10 Il-Kummissjoni kompliet billi esponiet l-osservazzjonijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-ħames miżuri li setgħu jitqiesu li kienu miżuri ta' għajnuna koperti mid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999 (premessi 12 sa 20 tad-deċiżjoni tal-2002). Fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja mill-Istat, il-Kummissjoni indikat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet irrikonoxxiet li d-DB-Postdienst u r-rikorrenti kienu

bbenefikaw minn żewġ trasferimenti pubbliċi li kienu jikkonsistu, minn naħa, fl-għoti ta' trasferimenti magħmula bejn l-1990 u l-1994 mid-DB-Telekom, fuq il-bażi tal-Artikolu 37(3) tal-PostVerfG u, min-naħa l-oħra, fir-rinunzja mid-DB-Telekom, fl-1 ta' Jannar 1995, fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tal-PostUmwG, ta' kreditu fil-konfront tar-rikorrenti (iktar 'il quddiem it-"trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom"). Il-Kummissjoni indikat li l-Gvern Ġermaniż ma kienx qiegħed jinnega li dawn it-trasferimenti kienu attribwibbli lill-Istat iżda kien qiegħed isostni li dawn kienu indispensabbli sabiex titwettaq il-funzjoni ta' SIEĠ tar-rikorrenti (premessi 16 sa 20 tad-deċiżjoni tal-2002).

11 Il-Kummissjoni għalqet billi indikat li, "skont l-ilmenti ta' UPS [Europe] u tal-BIEK, [id-deċiżjoni tal-2002] [kienet] tittratta l-kopertura tal-ispejjeż fis-settur miftuħ għall-kompetizzjoni tas-servizzi tal-kunsinna ta' pakketti bieb bieb" [traduzzjoni mhux uffiċjali], u li l-eżami tal-Kummissjoni kellu jikkonċerna b'mod partikolari l-kopertura tal-ispejjeż tar-rikorrenti marbuta maż-żewġ servizzi prinċipali ta' kunsinna ta' pakketti bieb bieb li huma miftuħa għall-kompetizzjoni: it-trasport ta' pakketti indirizzat lil klijentela professjonali u t-trasport ta' pakketti bieb bieb għal kumpanniji ta' bejgħ b'korrispondenza (premessa 21 tad-deċiżjoni tal-2002).

12 Fit-tieni stadju, il-Kummissjoni indikat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet informatha li, bejn l-1990 u l-1998, ir-rikorrenti kienet irreġistrat profitt fis-settur irriżervat u telf fis-setturi miftuħa għall-kompetizzjoni, u li, fis-setturi kollha b'mod ġenerali, kienet irreġistrat bilanċ negattiv. Minn dan hija kkonkludiet li eventwali bilanċ negattiv fis-settur tal-pakketti ma kienx ser ikun jista' jiġi kkumpensat, la mill-profitt mis-settur irriżervat u lanqas mid-dħul iġġenerat permezz tas-setturi miftuħa għall-kompetizzjoni (premessi 66 sa 69 u nota ta' qiegħ il-paġna 107 tad-deċiżjoni tal-2002).

13 Fit-tielet stadju, il-Kummissjoni kkonstatat li t-telf imġarrab mir-rikorrenti fis-settur tal-pakketti matul il-perijodu bejn l-1990 u l-1998 kellu neċessarjament jiġi kopert permezz ta' riżorsi pubbliċi u ddeċidiet li teżamina jekk dan it-telf kienx marbut mal-funzjoni ta' SIEĠ tar-rikorrenti, filwaqt li osservat li, jekk dan it-telf ma kienx

marbut ma' din il-funzjoni, ir-rikorrenti kienet tkun qiegħda tiġi ffavorita, fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE (premessa 72 tad-deċiżjoni tal-2002).

14 F'dan id-dawl, il-Kummissjoni kkonstatat li, b'effett mill-1 ta' Frar 1994, ir-rikorrenti kellha, skont il-punt 3 tal-Artikolu 2(2) tal-Postdienst-Pflichtleistungsverordnung (Regolament dwar il-prestazzjonijiet obbligatorji) (BGB1. 1994 I, p. 86), il-possibbiltà, iżda mhux l-obbligu, li tagħti, fis-settur tal-pakketti, traħħis lill-klijenti tagħha li kellu jwassal għal tariffi inferjuri għat-tariffa unika stabbilita mill-Artikolu 1(1) tal-Postdienst-Pflichtleistungsverordnung. Hija indikat li, fid-dawl tat-traħħis applikat, id-dħul mill-bejgħ kien insuffiċjenti mill-1994 sal-1999 sabiex ikopri l-ispejjeż tal-operat, sitwazzjoni li wasslet għal bilanċ negattiv ta' DEM 1 118,7 miljuni mingħajr ebda rabta kawżali ma' funzjoni ta' SIEĠ (premessi 75 sa 79, 82, 86 u 88 tad-deċiżjoni tal-2002).

15 Il-Kummissjoni kompliet billi osservat, l-ewwel nett, li r-riżorsi użati għall-finanzjament pubbliku tal-pensjonijiet kienu jaqgħu taħt il-kontroll tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, it-tieni nett, fir-rigward tal-garanziji pubbliċi, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet tikkontrolla direttament it-titoli tad-dejn tar-rikorrenti u, it-tielet nett, fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur ir-rikorrenti, li t-trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom kellhom jiġu imputati lil dan l-Istat Membru (premessi 92 sa 94 tad-deċiżjoni tal-2002).

16 Il-Kummissjoni osservat li, mingħajr it-trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kien ikollha tirrikorri għar-riżorsi tal-baġit ġenerali sabiex issostni lid-DB-Postdienst u lir-rikorrenti (premessa 95 tad-deċiżjoni tal-2002).

17 Il-Kummissjoni kompliet billi kkonkludiet li kien hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni u li kien affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Hija kkonkludiet ukoll li l-għajnuna riċevuta kienet inkompatibbli mas-suq komuni sa fejn ma kinitx ġustifikata fid-dawl

tal-Artikolu 87(2) u (3) KE u li l-ispejjeż addizzjonali netti ta' DEM 1 118,7 miljuni fis-settur tal-pakketti ma setgħux jitqiesu li kienu r-riżultat tal-obbligi tal-funzjoni ta' SIEĠ tar-rikorrenti, fis-sens tal-Artikolu 86(2) KE (premessi 96 sa 106 tad-deċiżjoni tal-2002).

18 Fir-raba' stadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li, sa fejn il-kumpens mogħti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tal-ispejjeż addizzjonali kkawżati mill-politika ta' bejgħ b'telf kien naqqas l-ispejjeż normalment marbuta mal-provvista ta' servizzi fis-settur tal-pakketti bieb bieb, din il-miżura kienet tikkostitwixxi vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE u għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni li kienet tammonta għal EUR 572 miljun (premessa 107 tad-deċiżjoni tal-2002).

19 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni tal-2002 huwa fformulat kif ġej:

"*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat fl-ammont ta' EUR 572 miljun (DEM 1 118,7 miljuni), li [ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja] tat [lir-rikorrenti], hija inkompatibbli mas-suq komuni.

*Artikolu 2*

1. [Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja] għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra mingħand [ir-rikorrenti] l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1, li ngħatatilha illegalment.

[...] [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

20 Permezz tas-sentenza tagħha tal-1 ta' Lulju 2008, Deutsche Post vs Il-Kummissjoni (T-266/02, Ġabra p. II-1233), il-Qorti tal-Prim'Istanza (li issa saret il-Qorti Ġenerali) annullat id-deċiżjoni tal-2002. L-appell ippreżentat mill-Kummissjoni kontra dik is-sentenza ġie miċħud permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post (C-399/08 P, Ġabra p. I-7831).

21 Fit-22 ta' April 2004, UPS Europe ppreżentat ilment quddiem il-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 82 KE fejn sostniet li t-tariffi tar-rikorrenti fis-settur irriżervat kienu abbużivi. Il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni f'dan ir-rigward, investigazzjoni li fil-kuntest tagħha rċeviet ċerti dokumenti dwar deċiżjonijiet tal-awtoritajiet Ġermaniżi fir-rigward ta' dawn it-tariffi.

22 Fil-11 ta' Mejju 2004, UPS Europe ippreżentat ilment ieħor quddiem il-Kummissjoni fejn sostniet li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tal-2002, ma kinitx eżaminat il-miżuri pubbliċi kollha msemmija fl-ilment tal-1994 u li l-vantaġġi li kienet tgawdi minnhom ir-rikorrenti kienu ħafna iktar mill-ammont li l-Kummissjoni kienet ordnat l-irkupru tiegħu. Min-naħa tagħha, fis-16 ta' Lulju 2004, TNT Post AG & Co. KG ippreżentat ilment fejn allegat li t-tariffi tas-servizzi ffatturati mir-rikorrenti lill-kumpannija sussidjarja tagħha, id-DB-PostBank, kienu eċċessivament baxxi u li dawn is-servizzi kienu ffinanzjati permezz tad-dħul mill-bejgħ iġġenerat mis-settur irriżervat. Sussegwentement għal dawn l-ilmenti, il-Kummissjoni bagħtet talbiet għal informazzjoni lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, talbiet li twieġbu minn din tal-aħħar.

23 Permezz ta' ittra tal-4 ta' April 2006, il-Kummissjoni informat lil UPS Europe li ma kienx hemm interess Komunitarju suffiċjenti sabiex tittieħed azzjoni fuq l-ilment tagħha ppreżentat abbażi tal-Artikolu 82 KE.

24 Fis-26 ta' April 2007, UPS Europe stiednet formalment lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-miżuri meħtieġa dwar l-ilment tagħha tal-11 ta' Mejju 2004.

25 Permezz ta' ittra tat-13 ta' Ġunju 2007, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tat il-kunsens tagħha sabiex l-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni miftuħa sussegwentement għall-ilment ta' UPS Europe tat-22 ta' April 2004 tintuża fil-kuntest ta' proċedura dwar għajnuna mill-Istat.

26 Fit-3 ta' Settembru 2007, UPS Europe u UPS Deutschland Inc. & Co. OHG (iktar 'il quddiem imsejħa, flimkien, "UPS"), ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, taħt l-Artikolu 232 KE, intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tieħu azzjoni sa fejn ma kinitx iddeċidiet dwar l-ilment ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2004 (Kawża T-329/07, UPS Europe u UPS Deutschland vs Il-Kummissjoni).

27 Permezz ta' ittra tat-12 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi favur Deutsche Post AG [għajnuna C 36/07 (ex NN 25/07)] (iktar 'il quddiem l-"att ikkontestat"). L-att ikkontestat huwa ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-19 ta' Ottubru 2007 (ĠU C 245, p. 21) fil-lingwa awtentika (il-Ġermaniż), ippreċedut minn sommarju fil-lingwi uffiċjali l-oħra.

28 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Novembru 2007, UPS irrinunzjaw għar-rikors tagħhom fil-Kawża T-329/07, imsemmija fil-punt 26 iktar 'il fuq. Permezz ta' digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2007, UPS Europe u UPS Deutschland vs Il-Kummissoni (T-329/07, mhux ippubblikat fil-Ġabra), il-kawża tħassret mir-reġistru.

29 L-att ikkontestat huwa maqsum f'diversi punti.

30 Fil-punt 1 tal-att ikkontestat, il-Kummissjoni fakkret il-proċeduri miftuħa, skont l-Artikoli 82 KE u 87 KE, kontra r-rikorrenti wara l-ilment tal-1994. Hija invokat il-ħtieġa li titwettaq investigazzjoni globali dwar id-distorsjonijiet kollha

tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-fondi pubbliċi mogħtija lir-rikorrenti u lill-predeċessur tagħha u indikat li l-proċedura miftuħa permezz tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999 ser tiġi kkompletata sabiex tiġi inkluża l-informazzjoni li ġiet ikkomunikata reċentement u sabiex tiġi adottata pożizzjoni definittiva dwar il-kompatibbiltà ta' dawn il-fondi mat-Trattat KE (premessi 1 sa 15 tal-att ikkontestat).

31 Il-Kummissjoni enfasizzat li l-"investigazzjoni addizzjonali" li hija kellha l-intenzjoni twettaq "b'ebda mod ma [kienet ser] tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-2002", liema deċiżjoni tikkonstata li "għajnuna mill-Istat fl-ammont ta' EUR 572 miljuni kienet intużat għas-sussidju trażversali ta' attivitajiet kummerċjali, mingħajr ma tiddeċiedi dwar il-kwistjoni ta' jekk [ir-rikorrenti u l-predeċessur tagħha] kinux irċevew kumpens eċċessiv [għat-twettiq tal-funzjoni ta' SIEĠ tagħhom] minn fondi pubbliċi". [traduzzjoni mhux uffiċjali] Il-Kummissjoni spjegat li hija kellha l-intenzjoni, fl-investigazzjoni tagħha, tiddetermina jekk kienx hemm kumpens addizzjonali, minbarra dawn il-EUR 572 miljuni, u ddikjarat li hija kienet ser teżamina l-miżuri pubbliċi kollha adottati favur l-impriżi msemmija bejn l-1 ta' Lulju 1989, id-data meta nħolqot id-DB-Postdienst, u l-31 ta' Diċembru 2007, id-data li fiha huwa kkunsidrat li ntemmet il-funzjoni ta' SIEĠ tar-rikorrenti (premessa 15 tal-att ikkontestat).

32 Fil-punt 3 tal-att ikkontestat, intitolat "Deskrizzjoni tal-miżuri pubbliċi favur id-DB-Postdienst u favur [ir-rikorrenti]" [traduzzjoni mhux uffiċjali], minn naħa, il-Kummissjoni indikat essenzjalment li d-DB-Postdienst u r-rikorrenti kienu bbenefikaw mit-trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom kif ukoll minn garanziji pubbliċi (premessi 25 sa 32, 38 u 39 tal-att ikkontestat).

33 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni eżaminat l-eżistenza tal-finanzjament pubbliku tal-pensjonijiet. Fir-rigward tal-perijodu bejn l-1989 u l-1994, hija indikat li ma kellha ebda informazzjoni li minnha kien jirriżulta li d-DB-Postdienst kienet ikkontribwixxiet għall-finanzjament tal-pensjonijiet tal-impjegati tagħha, u għalhekk dan il-finanzjament ġie preżunt li twettaq esklużivament mill-Istat Ġermaniż. Fir-rigward tal-perijodu bejn l-1995 u l-1999, ir-rikorrenti ttrasferixxiet ammont fil-fond

tal-pensjoni għall-uffiċjali tal-posta li nħoloq fl-1 ta' Jannar 1995, skont l-Artikolu 16(1) tal-Gesetz zum Personalrecht der Beschäftigen der Früheren Deutschen Bundespost (Postpersonalrechtsgesetz, Liġi tal-14 ta' Settembru 1994, dwar il-persunal ta' dik li kienet id-Deutsche Pundespost, BGB1. 1994 I, p. 2325). Issa, skont il-Kummissjoni, l-Istat Ġermaniż kien għamel tajjeb għall-bilanċ negattiv ta' dan il-fond. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mir-rikorrenti f'dan il-fond tnaqqas fl-2000 għal 33 % tas-salarju gross tal-uffiċjali fis-servizz, filwaqt li l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni preċiża fir-rigward tas-snin sussegwenti (premessi 40 sa 48 tal-att ikkontestat).

34 Fil-punt 6 tal-att ikkontestat, intitolat "Evalwazzjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat" [traduzzjoni mhux uffiċjali], l-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonstatat li kull vantaġġ selettiv mogħti lid-DB-Postdienst u lir-rikorrenti kien joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u kien jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tieni nett, il-Kummissjoni osservat li t-trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom u l-garanziji pubbliċi kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE (premessi 72 sa 75 tal-att ikkontestat). It-tielet nett, il-Kummissjoni osservat li l-finanzjament pubbliku tal-pensjonijiet kien jinvolvi trasferiment ta' riżorsi pubbliċi. Hija indikat li, fir-rigward tal-perijodu bejn l-1989 u l-1995, id-"DB-Postdienst ma kinitx manifestament ikkontribwiet għall-finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tagħha" u li, fir-rigward tal-perijodu bejn l-1995 u l-1999, hija "kienet qiegħda tqajjem il-kwistjoni ta' jekk [ir-rikorrenti] kinitx ibbenefikat minn vantaġġ ekonomiku minħabba l-kundizzjonijiet li fihom kienu ngħataw l-iskemi ta' rtirar kmieni" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. B'mod partikolari, il-Kummissjoni indikat li xtaqet teżamina sa fejn il-finanzjament pubbliku tal-pensjonijiet "kien iktar vantaġġjuż [għar-rikorrenti] milli għal operaturi oħra" wara li rrilevat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet sostniet li, sa mill-1995, ir-rikorrenti kienet "sostniet l-ispejjeż marbuta mal-pensjonijiet li l-ammont tagħhom kien ogħla mis-somom imħallsa mill-kompetituri tagħha" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (premessi 76 sa 78 tal-att ikkontestat).

35 Fil-punt 7 tal-att ikkontestat, intitolat "Evalwazzjoni tal-konformità tal-għajnuna mill-Istat mas-suq komuni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni indikat li hija kienet ser teżamina sa fejn il-kumpens mogħti lir-rikorrenti u lill-predeċessur tagħha kien meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tal-funzjoni ta' SIEĠ li huma kellhom

iwettqu bejn l-1989 u l-31 ta' Diċembru 2007 (premessi 80 u 81 tal-att ikkontestat). Il-Kummissjoni esponiet il-metodu ta' kalkolu li hija kellha l-intenzjoni tuża f'dan ir-rigward kif ukoll id-dħul mill-bejgħ li hija kellha l-intenzjoni tieħu inkunsiderazzjoni (premessi 84 sa 104 tal-att ikkontestat).

36 Fil-punt 8 tal-att ikkontestat, intitolat "Deċiżjoni", il-Kummissjoni stiednet lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sabiex "tesprimi l-pożizzjoni tagħha f'terminu ta' xahar minn meta tirċievi [l-att ikkontestat]" u sabiex "tikkomunika l-informazzjoni utli kollha għall-evalwazzjoni legali tal-miżuri msemmija fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

37 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Novembru 2007, ir-rikorrenti fetħet din il-kawża.

38 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Frar 2008, UPS talbu sabiex jitħallew jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

39 Permezz ta' digriet tad-9 ta' Lulju 2008, il-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għal intervent ta' UPS.

40 Peress li l-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lit-Tmien Awla u, konsegwentement, din il-kawża ġiet attribwita lil din l-awla.

41 Wara r-rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u li tagħmel numru ta' mistoqsijiet lill-partijiet fil-kuntest ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, skont l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Il-partijiet wieġbu għal dawn il-mistoqsijiet fit-terminu mogħti.

42 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2011.

43 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-att ikkontestat;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

44 Il-Kummissjoni, sostnuta minn UPS, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli u, sussidjarjament, bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

45 Mingħajr ma tqajjem formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fis-sens tal-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kummissjoni, sostnuta minn UPS, tikkontesta l-ammissibbiltà tar-rikors.

46 Insostenn tal-pożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ argumenti prinċipali. Fl-ewwel lok, fir-risposta tagħha hija ssostni li deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat biss jekk tindirizza l-kwistjoni ta' jekk għajnuna għandhiex tiġi kkunsidrata bħala għajnuna ġdida jew eżistenti. Għall-kuntrarju, din id-deċiżjoni ma tkunx att li jista' jiġi kkontestat jekk tindirizza l-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat. Issa, la r-rikorrenti u lanqas ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma sostnew fi żmien opportun li l-miżuri eżaminati fl-att ikkontestat kienu għajnuna eżistenti.

47 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni sostniet, fit-tweġiba bil-miktub tagħha għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali u matul is-seduta, li l-effetti negattivi li jistgħu jirriżultaw għar-rikorrenti mill-att ikkontestat kienu diġà ġew ipprovokati mid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999. Skont il-Kummissjoni, din id-deċiżjoni kienet tkopri l-miżuri kollha kklassifikati provviżorjament bħala għajnuna ġdida fl-att ikkontestat. Fl-eventwalità li dan l-att jiġi annullat, dawn il-miżuri xorta waħda jibqgħu s-suġġett ta' proċedura ta' investigazzjoni formali li ilha miftuħa sa mill-1999. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhiex interess ġuridiku f'din il-kawża.

48 Ir-rikorrenti ssostni li r-rikors huwa ammissibbli. F'dan ir-rigward hija ssostni li l-miżuri koperti mill-att ikkontestat għandhom jiġu ttrattati bħala għajnuna eżistenti peress li diġà kienu s-suġġett ta' proċedura li ngħalqet f'kull aspett permezz tad-deċiżjoni tal-2002. Għaldaqstant, sa fejn dawn il-miżuri qegħdin jiġu kklassifikati bħala għajnuna ġdida fl-att ikkontestat, ir-rikors huwa ammissibbli. Sussidjarjament, ir-rikorrenti ssostni li deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura hija att li jista' jiġi kkontestat sa fejn tkun qiegħda tiġi kkontestata l-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna.

49 Skont ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jibdlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tiegħu, li jikkostitwixxu atti jew deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament fis-sens tal-Artikolu 230 KE. B'mod iktar partikolari, meta jkunu involuti atti jew deċiżjonijiet li t-tfassil tagħhom jitwettaq f'diversi fażijiet, b'mod partikolari fi tmien ta' proċedura interna, huma biss, bħala prinċipju, il-miżuri li jistabbilixxu definittivament il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fi tmiem din il-proċedura li jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati, bl-esklużjoni tal-miżuri intermedjarji li jkunu intiżi li jippreparaw id-deċiżjoni finali (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, Ġabra p. 2639, punti 9 u 10; sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 1990, Automec vs Il-Kummissjoni, T-64/89, Ġabra p. II-367, punt 42, u tal-25 ta' Marzu 2009, Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni, T-332/06, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 34).

50 Fir-rigward ta' deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat, mill-ġurisprudenza madankollu jirriżulta li, meta l-Kummissjoni tikklassifika miżura li tkun qiegħda tiġi eżegwita bħala għajnuna ġdida, tali deċiżjoni jkollha effetti legali awtonomi, b'mod partikolari fir-rigward tas-sospensjoni tal-miżura kkunsidrata (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, Ġabra p. I-7303, punt 62; sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni, T-346/99 sa T-348/99, Ġabra p. II-4259, punt 33, u Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 49 iktar 'il fuq, punt 34). Din il-konklużjoni ma tgħoddx biss fil-każ li l-miżura li tkun qiegħda tiġi eżegwita titqies mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat bħala għajnuna eżistenti iżda anki fil-każ li dawn l-awtoritajiet iqisu li l-miżura koperta mid-deċiżjoni ta' ftuħ ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE (ara s-sentenza Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 49 iktar 'il fuq, punt 35, u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Fil-fatt, deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' miżura li tkun qiegħda tiġi eżegwita u li tkun ikklassifikata bħala għajnuna ġdida mill-Kummissjoni tibdel neċessarjament il-portata legali tal-miżura kkunsidrata, kif ukoll is-sitwazzjoni legali tal-impriżi li jkunu l-benefiċjarji tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tkomplija tal-implementazzjoni ta' din il-miżura. Sal-adozzjoni ta'

tali deċiżjoni, l-Istat Membru, l-impriżi benefiċjarji u l-operaturi ekonomiċi l-oħra jistgħu jaħsbu li l-miżura tkun qiegħda tiġi implementata b'mod legali bħala miżura ġenerali li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE jew bħala għajnuna eżistenti. Għall-kuntrarju, wara l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni, ikun hemm minn tal-inqas dubju kunsiderevoli dwar il-legalità ta' din il-miżura, li, bla ħsara għall-possibbiltà li jintalbu miżuri provviżorji quddiem l-Imħallef għal miżuri provviżorji, għandu jwassal lill-Istat Membru sabiex jissospendi l-applikazzjoni tagħha peress li l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali jeskludi deċiżjoni immedjata li tikkonstata l-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq komuni, konstatazzjoni li tfisser li l-eżekuzzjoni tagħha tkun tista' titkompla b'mod legali. Tali deċiżjoni tista' tiġi invokata anki quddiem qorti nazzjonali li tkun mitluba tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw mill-ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 88(3) KE. Fl-aħħar nett, tali deċiżjoni tista' twassal lill-impriżi benefiċjarji tal-miżura sabiex fi kwalunkwe każ jirrifjutaw ħlasijiet ġodda, jew vantaġġi ġodda, jew sabiex iwarrbu s-somom meħtieġa għal eventwali kumpens finanzjarju sussegwenti. Il-komunità tan-negozju wkoll tieħu inkunsiderazzjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-benefiċjarji msemmija, is-sitwazzjoni legali u finanzjarja prekarja ta' dawn tal-aħħar (sentenzi Diputación Foral de Álava vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 50 iktar 'il fuq, punt 34, u Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 49 iktar 'il fuq, punt 36).

52 Mill-att ikkontestat jirriżulta li dan ġie adottat bil-għan li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-konfront ta' tliet miżuri, jiġifieri t-trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom, il-garanziji pubbliċi u l-finanzjament pubbliku tal-pensjonijiet (iktar 'il quddiem il-"miżuri kontenzjużi").

53 Kif indikat fil-punt 34 iktar 'il fuq, fl-att ikkontestat il-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna ġdida t-trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom u l-garanziji pubbliċi (premessi 72 sa 75 tal-att ikkontestat). Fir-rigward tal-finanzjament pubbliku tal-pensjonijiet, il-Kummissjoni indikat id-dubji tagħha dwar il-kwistjoni ta' kemm dan il-finanzjament kien ta vantaġġ ekonomiku lir-rikorrenti (premessi 76 sa 78 tal-att ikkontestat).

54 Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 49 sa 51 iktar 'il fuq, għandu jiġi eżaminat jekk l-att ikkontestat kellux effetti legali awtonomi li jwasslu sabiex dan l-att ikun jista' jiġi kkontestat.

55 Għal dan il-għan għandu jitfakkar li l-att ikkontestat kien ippreċedut minn deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, jiġifieri d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999. Għandu għalhekk jiġi eżaminat jekk l-effetti legali allegatament iġġenerati mill-att ikkontestat kinux, fi kwalunkwe każ, diġà prodotti mid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, kif issostni l-Kummissjoni fil-kuntest tal-argumenti tagħha dwar l-inammissibbiltà tar-rikors (ara l-punt 47 iktar 'il fuq).

56 Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-proċedura formali miftuħa mid-deiżjoni ta' ftuħ tal-1999 kienet diġà tkopri l-miżuri kontenzjużi, li, barra minn hekk, huma eżaminati fid-deċiżjoni tal-2002.

57 Fil-fatt, dwar dan il-punt għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni indikat, fil-premessa 37 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, li, skont UPS Europe u l-BIEK, id-dejn tar-rikorrenti kien, skont l-Artikolu 40 tal-PostVerfG, kopert minn garanzija mill-Istat limitata, minn wara t-2 ta' Jannar 1995, għad-dejn eżistenti f'dik id-data. Fil-premessa 62 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, il-Kummissjoni osservat li minn eżami preliminari ta' din il-miżura ma setax jiġi konkluż li ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

58 Il-Kummissjoni kompliet billi indikat, fil-premessa 40 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, li, skont il-BIEK, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet ħadet responsabbiltà għall-bilanċ negattiv tal-fond tal-pensjoni għall-uffiċjali tal-posta, u li dan jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur ir-rikorrenti. Fil-premessa 65 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, il-Kummissjoni indikat li l-ispejjeż marbuta mal-pensjonijiet tal-ex impjegati tar-rikorrenti u tal-predeċessur tagħha kienu jitħallsu minn dan il-fond u enfasizzat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet għamlet tajjeb għall-bilanċ negattiv kunsiderevoli mġarrab minn dan il-fond. Il-Kummissjoni osservat ukoll li minn eżami

preliminari ta' din il-miżura ma setax jiġi konkluż li ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

59 Fl-aħħar nett, fil-premessa 63 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, il-Kummissjoni indikat li t-trasferiment mill-Istat ta' proprjetà immobbli jew ta' assi oħra lir-rikorrenti kellu, bħala prinċipju, jitqies bħala għajnuna mill-Istat u, għalhekk, kellu jiġi ġġustifikat. Fil-premessa 80 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Ġermaniżi sabiex jipprovdu informazzjoni ddettaljata dwar l-appoġġ finanzjarju mill-Istat mogħti lill-attivitajiet tar-rikorrenti, filwaqt li ċċitat, fost miżuri oħra, l-eventwali sussidji li r-rikorrenti kienet ibbenefikat minnhom, sa fejn tali sussidji jkunu sinjifikattivi fis-sens tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE li jikkonċernaw l-għajnuna mill-Istat.

60 Bi tweġiba għat-talba tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Ġermaniżi informawha b'mod iddettaljat dwar l-eżistenza tat-trasferimenti magħmula mid-DB-Telekom (ara l-premessi 16 sa 20 tad-deċiżjoni tal-2002). Il-Kummissjoni indikat, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, li din l-informazzjoni ngħatatilha fis-16 ta' Settembru 1999. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkomunikat ukoll lill-Kummissjoni osservazzjonijiet dwar il-kwistjoni ta' jekk dawn it-trasferimenti kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

61 B'hekk, sa fejn l-att ikkontestat jikkonċerna l-istess miżuri bħal dawk li kienu s-suġġett tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, sa fejn, fil-kuntest ta' dik id-deċiżjoni u tal-proċedura li segwiet minnha, il-Kummissjoni kienet diġà qalet li l-miżuri kontenzjużi setgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-Artikolu 87(1) KE u sa fejn l-effetti legali awtonomi marbuta ma' proċedura ta' investigazzjoni formali kienu għalhekk diġà ġew prodotti sussegwentement għad-deċiżjoni ta' ftuħ imsemmija, l-att ikkontestat ma jistax ikollu tali effetti u għalhekk ma jistax jikkostitwixxi deċiżjoni li tista' tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Fil-fatt, sa mill-proċedura miftuħa fl-1999, kien diġà jeżisti minn tal-inqas dubju kunsiderevoli dwar il-legalità tal-miżuri kontenzjużi sa fejn il-ftuħ tal-proċedura msemmija kien jeskludi deċiżjoni immedjata

li tikkonstata l-kompatibbiltà mas-suq komuni, konstatazzjoni li kieku kienet tfisser li l-eżekuzzjoni tal-imsemmija miżuri setgħet titkompla b'mod legali u seta' jittieħed benefiċċju minnhom.

62 Ir-rikorrenti ssostni madankollu li l-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa fir-rigward tal-miżuri kontenzjużi permezz tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999 kienet ingħalqet f'kull aspett permezz tad-deċiżjoni tal-2002. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ssostni li din id-deċiżjoni kienet għalqet biss parzjalment il-proċedura msemmija.

63 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk din il-proċedura kinitx ingħalqet fir-rigward tal-miżuri kontenzjużi qabel l-adozzjoni tal-att ikkontestat.

64 Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), applikabbli għall-proċedura dwar l-għajnuna illegali bis-saħħa tal-Artikolu 13(1) tar-regolament imsemmi, il-proċedura ta' investigazzjoni formali għandha tingħalaq permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 7(2) sa (5) tal-istess regolament (ħlief fil-każ li n-notifika tiġi rtirata mill-Istat Membru kkonċernat).

65 Mill-Artikolu 7(2) sa (5) tar-Regolament Nru 659/1999 jirriżulta li deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali jista' jkollha erba' kontenuti differenti, jiġifieri li l-miżura notifikata ma tikkostitwixxix għajnuna [Artikolu 7(2)], li l-miżura msemmija tikkostitwixxi għajnuna kompatibbli mas-suq komuni [deċiżjoni pożittiva, Artikolu 7(3)], li din il-miżura tikkostitwixxi għajnuna kompatibbli mas-suq komuni bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet u obbligi [deċiżjoni kundizzjonali, Artikolu 7(4)] jew, fl-aħħar nett, li l-miżura msemmija tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni [deċiżjoni negattiva, Artikolu 7(5)].

66 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-proċedura ta' investigazzjoni formali għandha tingħalaq permezz ta' deċiżjoni li tikklassifika b'mod espliċitu l-miżura eżaminata fid-dawl ta' waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) sa (5) tar-Regolament Nru 659/1999.

67 Issa, mid-deċiżjoni tal-2002, b'mod partikolari mill-premessi tagħha ċċitati fil-punti 9 sa 16 iktar 'il fuq, jirriżulta li, f'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ma kklassifikatx b'mod espliċitu l-miżuri kontenzjużi fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet ħlief għall-EUR 572 miljuni msemmija fid-dispożizzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni. Il-Kummissjoni sempliċement ikkonstatat, minn naħa, li dawn il-miżuri kienu jinvolvu trasferiment ta' riżorsi pubbliċi favur ir-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, li dawn ir-riżorsi kellhom neċessarjament jintużaw sabiex jiġi rrimedjat il-bilanċ negattiv maħluq mill-politika ta' bejgħ b'telf tar-rikorrenti fis-settur tal-pakketti, ikkalkolat bħala DEM 1 118.7 miljuni, li huwa ekwivalenti għal EUR 572 miljuni, sa fejn ir-rikorrenti ma setgħetx tiffinanzja l-bilanċ negattiv inkwistjoni permezz tal-fondi tagħha stess.

68 Matul is-seduta l-Kummissjoni ammettiet li d-deċiżjoni tal-2002 ma kinitx tinkludi spjegazzjonijiet li jindikaw li dik kienet deċiżjoni definittiva parzjali fir-rigward tal-miżuri kontenzjużi u li l-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet baqgħet parzjalment miftuħa. Skont il-Kummissjoni, din id-deċiżjoni għandha madankollu tiġi interpretata fl-intier tagħha u d-dispożittiv tagħha għandu jinqara fid-dawl tal-premessi tagħha.

69 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, kif indikat fil-punt 11 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni enfasizzat, fil-premessa 21 tad-deċiżjoni tal-2002, li din id-deċiżjoni kienet tikkonċerna l-kopertura tal-ispejjeż fis-settur kompetittiv tas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti bieb bieb.

70 F'din il-premessa, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-analiżi li kienet għamlet fid-deċiżjoni tal-2002 sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-miżuri kontenzjużi mas-suq komuni kienet tikkonċerna biss is-settur tal-pakketti. F'dan is-sens, fil-punt II F tad-deċiżjoni

tal-2002, intitolat "Ammont tal-ispejjeż ta' infrastruttura imputabbli għas-servizzi tal-kunsinna ta' pakketti bieb bieb" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni analizzat biss il-possibbiltà ta' spejjeż addizzjonali kkawżati minn funzjoni ta' SIEĠ f'dan is-settur. Fil-punt II G tad-deċiżjoni tal-2002, intitolat "Importanza tal-funzjoni ta' servizz pubbliku [tar-rikorrenti] fis-settur tal-pakketti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni ma eżaminatx funzjonijiet oħra ta' SIEĠ tar-rikorrenti. Fil-punt II H tad-deċiżjoni tal-2002, intitolat "Piżijiet mill-passat li waqgħu fuq [ir-rikorrenti] bħala ex impriża pubblika" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni analizzat biss l-impatt fis-settur tal-pakketti tal-piżijiet invokati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u mir-rikorrenti. Il-punt III tad-deċiżjoni tal-2002, intitolat "Osservazzjonijiet minn terzi interessati" [traduzzjoni mhux uffiċjali], jikkonċerna prinċipalment il-kummenti magħmula minn terzi fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja, tal-aġir kkummerċjali u tal-ispejjeż addizzjonali marbuta ma' funzjoni ta' SIEĠ tad-DB-Postdienst u tar-rikorrenti fis-settur tal-pakketti biss.

71 Bl-istess mod, fid-deċiżjoni tal-2002, il-Kummissjoni analizzat l-eżistenza ta' vantaġġ għar-rikorrenti u għad-DB-Postdienst fir-rigward biss tal-kopertura tat-telf tagħhom fis-settur tal-pakketti (premessi 66 sa 91 tad-deċiżjoni tal-2002). Kienu biss il-kwistjonijiet tal-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, tal-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u tal-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' dan il-vantaġġ li ġew eżaminati sussegwentement (premessi 96 sa 106 tad-deċiżjoni finali tal-2002).

72 Fl-aħħar nett, meta fid-deċiżjoni tal-2002 il-Kummissjoni kkonkludiet li miżura li kienet is-suġġett tal-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa fl-1999 ma kinitx għajnuna mill-Istat, hija għamlet dan b'mod espliċitu.

73 Fil-fatt, fil-premessa 64 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999, il-Kummissjoni indikat li persuna li lmentat kienet allegat li r-rikorrenti kienet akkwistat mingħand ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja parti mid-Deutsche Postbank fl-1998 billi mill-prezz tal-bejgħ tnaqqas kreditu ineżistenti fir-rigward tal-Istat Ġermaniż. Il-Kummissjoni

kkunsidrat li minn eżami inizjali tal-kundizzjonijiet li fihom seħħ dan l-akkwist ma setax jiġi konkluż li, permezz ta' dan l-akkwist, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kinitx tat għajnuna mill-Istat lir-rikorrenti. Issa, fil-premessa 65 tad-deċiżjoni tal-2002, il-Kummissjoni indikat li l-akkwist tad-DB-Postbank mir-rikorrenti ma kienx involva l-għoti ta' għajnuna mill-Istat.

74 Għandu għalhekk jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tal-2002, analizzat il-miżuri kontenzjużi biss sa fejn kienu jikkonċernaw il-finanzjament ta' ċerti attivitajiet tar-rikorrenti marbuta mas-settur tal-pakketti. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni la eskludiet u lanqas ma kkonfermat, fid-deċiżjoni tal-2002, li dawn il-miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli mat-Trattat KE ħlief għall-EUR 572 miljuni msemmija fid-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni.

75 Minn dak li għadu kemm intqal jirriżulta li, fil-mument tal-adozzjoni tal-att ikkontestat, il-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa fl-1999 fir-rigward tal-miżuri kontenzjużi ma kinitx ingħalqet permezz tad-deċiżjoni tal-2002 ħlief fir-rigward tal-EUR 572 miljuni msemmija fid-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar.

76 Huwa minnu li, fid-deċiżjoni tal-2002, il-Kummissjoni setgħet esponiet b'mod iktar ċar sa fejn kienet qiegħda tagħlaq l-investigazzjoni formali miftuħa bid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-1999. Madankollu, din il-konstatazzjoni ma għandhiex impatt fuq l-analiżi tal-ammissibbiltà tar-rikors.

77 Il-konklużjoni esposta fil-punt 75 iktar 'il fuq ma hijiex ikkonfutata mis-sentenza Deutsche Post vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 20 iktar 'il fuq, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-2002 wara l-preżentata tar-rikors fil-kawża ineżami. Fil-fatt, f'dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx dwar il-kwistjoni

ta' jekk il-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa fl-1999 fir-rigward tal-miżuri kontenzjużi kinitx ingħalqet.

78 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li, fil-mument tal-adozzjoni tiegħu, l-att ikkontestat la bidel il-portata legali tal-miżuri kontenzjużi u lanqas is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti.

79 Għandu jingħad ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita, is-sentenza Deutsche Post vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 20 iktar 'il fuq, tapplika *ex tunc* u għalhekk kellha l-effett li telimina retroattivament id-deċiżjoni tal-2002 mill-ordinament ġuridiku (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2001, Corus UK vs Il-Kummissjoni, T-171/99, Ġabra p. II-2967, punt 50, u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, dik is-sentenza b'ebda mod ma tista' taffettwa l-konklużjoni li d-deċiżjoni tal-2002 ma kellhiex impatt fuq l-eżistenza ta' eventwali effetti legali awtonomi prodotti mill-att ikkontestat.

80 Minn dak kollu li għadu kemm intqal jirriżulta li l-att ikkontestat ma jikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 230 KE. Għaldaqstant ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

81 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

82 UPS għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 87(4) tar-Regoli tal-Proċedura.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.**

**2) Deutsche Post AG għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.**

**3) UPS Europe NV/SA u UPS Deutschland Inc. & Co. OHG għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Truchot Martins Ribeiro Kanninen

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-8 ta' Diċembru 2011.

Firem